SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA**

**27 ta' Lulju, 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Is-Sindku ppreżenta *statement* dwar l-illegalita' ta' *recordings* privati, u mingħajr kunsens, tal-laqgħat tal-Kunsill, li jinsab aness ma' dawn il-Minuti bħala dokument "3A".

## 3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 2 ta' 7 ta' Lulju, 2009.

3.1.2 Il-Kunsillier Marica Bayliss resqet din il-mozzjoni:

3.1.3 *"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 2 (7 ta' Lulju, 2009) kif imressqa."*

3.1.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

## 3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.2.1 Il-Membri ġew infurmati li l-applikazzjoni *'ENEUREC – Management of Renewable Energies in the Cities'* li l-Kunsill Lokali kien applika għal Ko-Finanzjament, giet milqugħa u għalhekk irid jigi ffirmat il-Ftehim ta' Aċċettazzjoni, li kopja tiegħu hu aness ma' dawn il-Minuti bħala dokument "3B".

3.2.2 Il-Kunsill approva talba mingħand l-Għaqda Piroteknika 11 ta' Frar San Ġwann għal provista ta' sigurta' waqt il-jiem tal-festa.

3.2.3 Il-Kunsill qabel li jipparteċċipa fil-Kampanja ta' Tindif imnedijjha mill-Gvern Ċentrali li tinvolvi kompetizzjoni għall-aktar lokalita' nadifa.

3.2.4 Il-Kunsill approva talba mingħand *Employment & Training Centre* sabiex tiġi użata kamra mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill biex jingħata taħriġ professjonali lil persuni li jkunu qed ifittxu mpjieg.

3.2.5 Il-Kunsill kien infurmat b'Memo 45/2009 rigward pubblikazzjoni ta' Avviz Legali Regolamenti 200 ta' l-2009, li jemendaw ir-regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat.

3.2.6 Saret diskussjoni dwar l-implikazzjonijiet tar-regolamenti kif ukoll li ssir verifika għal x'wassal biex *side road* fi Triq Bellavista ma kinitx inkluża mal-lista ta' toroq f'San Ġwann.

## 3.3 Twaqqif ta' Sotto Kumitati

3.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-Termini ta' Riferenza għas-Sotto Kumitati, li bihom iridu joperaw is-Sotto Kumitati mwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "3C".

3.3.2 Il-Kunsillier Rita Saliba pproponiet ħames persuni sabiex jitwaqqaf Sotto Kumitat.

3.3.3 Il-Membri ġew infurmati biex min jara li jkun jista' jinvolvi aktar ċittadini fil-ħidma tal-Kunsill jagħmel dan billi jwaqqaf Sotto Kumitat fl-iqsar żmien possibli.

3.3.4 It-twaqqif uffiċċjali tas-Sotto Kumitati jsir fil-laqgħa li jmiss.

## 3.4 *Operations Review* tal-Kunsill Lokali

3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta "*Operations Review* tal-Kunsill Lokali San Ġwann", bil-għan li tkun annalizata s-sitwazzjoni preżenti tal-operat tal-Kunsill u jiġu diskussi proposti għal Pjan ta' Ħidma, li jinsab aness bħala dokument "3D". **"Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet jekk ir-rapport li ġie ppreżentat fil-Ħames Kunsill kienx jirrifletti *defecit*. Is-Segretarju Eżekuttiv informha li kif inhuma rappreżentati il-figuri fit-*template* tal-Liġi, dan ma jkunx rifless iżda minnhom jirriżulta d-*defecit*. Il-Kunsillier Neville Mallia staqsa jekk il-Ħames Kunsill kisirx il-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li iva."**

***Emendata Laqgħa nr. 4***

3.4.2 Saret diskussjoni fit-tul fuq ir-rapport li tratta dawn l-aspetti: l-Istruttura, l-operat mill-Uffiċċju Amministrattiv, proġetti ewlenin miġjuba mil-Leġislatura ta' qabel, kuntratti ta' servizzi, analiżi tal-pożizzjoni finanzjarja u mplimentazzjoni tal-ħidmiet tal-Kunsill.

3.4.3 Sar *recess* fis-6.45pm sa 6.50pm.

3.4.4 Il-Kunsill kien infurmat li r-rapport dwar l-indikatur finanzjarju li ġie sottomess lis-Segretarju Eżekuttiv mill-*accountant*, juri li beda jsir titjieb tant li fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja spiċċa b'bilanċ pożittiv ta' madwar € 22,000.

3.4.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel nefqa b'responsabilita', sabiex jibni fuq l-investiment li sar u fejn jista' jibbenifika minn fondi oħra.

## 3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti

3.5.1 Rigward il-kuntratti Ġbir ta' Skart Żona A u Ġbir ta' Skart Żona B, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta l-parir biex il-Kunsilli Lokali li qed jippreparaw sabiex joħorġu sejħiet għall-offerti ta' dawn il-kuntratti, jagħmlu dan wara seminar ta' diskussjoni li għandu jsir dwar dan il-kuntratt, kif ukoll li jestendu l-kuntratt preżenti b'xahar.

3.5.2 Il-Kunsill approva sabiex fuq dawn iż-żewġ kuntratti preżenti jiġu estiżi, sa' l-aħħar ta' Settembru, 2009, filwaqt li l-Kunsill jipprepara sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

3.5.3 Rigward il-kuntratt *Contract Manager – Xogħlijiet*, il-Membri ġew mgħarrfa li dan ser jiskadi u għalhekk kulmin għandu xi kummenti fuq dan il-kuntratt għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.5.4 Kien hemm qbil li tinħareġ Sejħa għall-Offerta għal *Contract Manager* – Xogħlijiet, flimkien ma' dik tal-ġbir ta' l-iskart.

**3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Estenzjoni ta' Kuntratti**

3.6.1 Il-Kunsillier Joan Farrugia ddikjarat interess pekunarju u rtirat mill-kamra waqt li jkun qed jiġi diskuss il-kuntratt tal-*Contract Manager – Ndafa.*

3.6.2 Il-Kunsillier Joan Farrugia ħarġet mil-laqgħa fit-8.23pm

3.6.3 Saret diskussjoni rigward il-kuntratt tal-*Contract Manager – Ndafa* fejn intqal li r-rapporti li jiġu ppreżentati mill-istess kuntrattur huma nformattivi ħafna pero' jonqsu dettalji negattivi, kif ukoll li trid issir iktar osservazzjoni tal-ħtiġijiet bażiċi li jitolbu l-kundizzjonijiet tal-kuntratti.

3.6.4 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

3.6.5 *"Il-Kunsill japprova li l-kuntratt tal-Contract Manager – Ndafa jiġi* ***"~~estiż~~" "mġedded"*** *għal perjodu ta' tnax-il xahar."*

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilliera Rita Saliba u għaddiet unanimament.

3.6.7 Il-Kunsillier Joan Farrugia daħlet lura għal-laqgħa fid-8.44pm.

3.6.8 Rigward il-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff, saret diskussjoni fejn kien innotat li s-servizz huwa ta' livell tajjeb.

3.6.9 l-Kunsilliera Violet Bajada resqet din il-mozzjoni:

3.6.10 *"Il-Kunsill japprova li l-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff* ***"~~estiż~~" "jiġi mġedded"*** *għal perjodu ta' tnax-il xahar."*

***Emendata laqgħa nru. 4***

3.6.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u għaddiet unanimament.

3.6.12 Rigward il-kuntratt ta' l-Polza ta' l-Assigurazzjoni, saret diskussjoni rigward il-*Public Liability Insurance*.

3.6.13 Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' rappreżentanti mill-Aġenzija li għandha issib *Public Liability Insurance policy* oħra peress li dik preżenti mhiex ġusta u li dan għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata.

3.6.14 Rigward il-kuntratt ta Żamma u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika filwaqt li kien innotat li s-servizz mogħti kien wieħed tajjeb ħafna, u saret diskussjoni fuq il-ħin li l-latrina pubblika qegħda tingħalaq għal perjodu ta' ħin dakinhar tal-marċ ta' wara nofsinhar waqt il-festa. ***"Għal dakinhar tal-festa, l-Latrina Pubblika għandha tingħalaq bejn nofsinhar u s-sitta ta' filgħaxija."***

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.15 Il-Kunsillier David Dalli ressaq din il-mozzjoni:

3.6.16 *"Il-Kunsill Lokali japprova li l-kuntratt ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika jiġi **"~~estiż~~" "mġedded"** għal perjodu ta' tnax-il xahar."*

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.17 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

3.6.18 Il-Kunsill qabel li rigward il-kuntratt ta' Knis tat-Toroq issir laqgħa mal-kuntrattur eżistenti sabiex jiġu diskussi xi nuqqasijiet u li l-Kunsill jagħti perjodu ta' tliet xhur bħal żmien ta' prova għat-titjieb propost. **"Il-Kunsillier Neville Mallia ppropona li l-Kunsillier responsabbli għandu jkun preżenti għal-laqgħa."**

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.19 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.6.20 *"Il-Kunsill Lokali japprova li l-kuntratt ta' Knis tat-Toroq jiġi **"~~estiż~~" "mġedded"** għal tliet xhur."*

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.21 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

3.6.22 Fir-rigward tal-kuntratt ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi, il-Kunsilliera ġew infurmati li ser issir laqgħa ma' dan il-kuntrattur flimkien mal-Kunsillier Violet Bajada u l-*Contracts' Manager*, peress li kien hemm xi nuqqasijiet u li jagħti perjodu ta' tliet xhur bħal żmien ta' prova għat-titjieb propost.

3.6.23 Il-Kunsilliera Violet Bajada ressqet din il-mozzjoni:

3.6.24 *"Il-Kunsill Lokali japprova li l-kuntratt ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi jiġi **"~~estiż~~" "mġedded"** għal tliet xhur."*

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.6.25 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

## 3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts' Manager*

3.7.1 Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti mressqa mill-*Contracts Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju, 2009 u d-19 ta' Lulju, 2009, u li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "3E" sa "3N".

3.7.2 Saret diskussjoni rigward il-problemi ta' siġar fi propjetajiet privati li jkunu ta' ostaklu għal fuq il-bankina, peress li dawn jinvolvu ta' azzjoni mill-Pulizija għal deċiżjoni eżekuttiva.

3.7.3 Il-Kunsillier Marica Bayliss resqet din il-mozzjoni:

3.7.4 *"Il-Kunsill Lokali jipproponi li ssir laqgħa mal-Ministru tal-Ġustizzja u Intern sabiex jiġu diskussi iż-Żamma ta' Ordni fil-lokalita' ta' San Ġwann."*

3.7.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u għaddiet unanimament.

3.7.6 Il-Kunsill Lokali approva r-rapporti ppreżentati mill-*Contracts' Manager*.

### *3.8* Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

3.8.1 Wara diskussjoni li saret rigward *litterbins* li mhux qed jiġu mnaddfa minħabba ħsara li għandhom, kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur li mingħandu inxtraw l-imsemmja *litterbins*.

3.8.2 Rigward tindif ta' *culverts* kien hemm qbil li ssir il-lista ta' fejn qegħdin u tinġabar kwotazzjoni.

3.8.3 Kien hemm qbil li titwaħħal tabella sabiex ma jintefax skart viċin l-iskip ta' Triq iċ-Ċipress.

3.8.4 Il-Kunsill qabel li ż-żewg *skips* ta' Triq il-Virdun jitressqu maġenb iċ-cint għoli fl-istess triq.

3.8.5 Rigward *skip* ġdida fi Vjal in-Naspli kien hemm qbil sabiex ma jitpoġġewx skips ġodda qabel joħroġ il-kuntratt 'il gdid.

3.8.6 Rigward *litterbin* fi Triq il-Kokka, ġie kkunsidrat sabiex dan jinqala' u jitpoġġa f'Misraħ Lourdes.

3.8.7 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici nforma lil Kunsill li kienet saret laqgħa tal-Bord Editorjali sabiex jinħareġ il-magażin tal-Kunsill.

3.8.8 Saret diskussjoni dwar proposta illi kumpanija lesta toffri s-servizzi tagħha fejn tiggarantixxi lil Kunsill li dan isir mingħajr ebda ħlas, fejn kien konkluż li tinġabar tali informazzjoni.

3.8.9 Dwar din l-offerta kien hemm qbil illi jinġieb parir legali jekk dan ikunx jikkostitwixxi ksur tal-kuntratt preżenti li għandu l-Kunsill.

3.8.10 Filwaqt li l-Kunsill approva li jsir *upgrading* fuq il-*website* tiegħu, kien ukoll infurmat bil-*website* tal-Kunsill fuq is-sit elettroniku tal-Gvern ddedikat għal Kunsilli Lokali, u ġie deċiż li tiġi preżentata kwotazzjoni għal dan is-servizz.

3.8.11 Il-Kunsillier Neville Mallia ġie skużat mil-laqgħa fl-10.17pm

**3.8.12 "Il-Kunsillier Violet Bajada staqsiet meta se jsir il-qtugħ ta' ħaxix."**

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.8.13 Rigward il-qtugħ tal-ħaxix tal-*Cart Ruts* il-Kunsill ġie nfurmat li saret proposta min-naħa tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport sabiex dan jitwettaq minn ħaddiema tal-Ministeru, liema talba **"~~ser tiġi kkunsidrata.~~" "ġiet aċċettata."**

***Emendata Laqgħa nru. 4***

3.8.14 Il-Kunsillier Neville Mallia daħal għal-laqgħa fl-10.20pm

3.8.15 Wara li l-Kunsill ġie nfurmat b'żewġ kwotazzjonijiet sabiex isiru il-*business cards* tal-Kunsilliera, kien approvat li l-ordni ssir mingħand *FiveStar Printing & Design Ltd.* peress li hija l-orħos.

3.8.16 Rigward *diaries* tal-Kunsill, ġie deċiż li jsiru biss dawk personalizzati, u jekk issir tali talba minn Kunsillier jew membru ta' l-I*staff*.

3.8.17 Fuq proposta mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss, il-Kunsill unanimament qabel illi tiġi sospiża l-aġenda sabiex jiġi diskuss issa l-aħħar *item*.

## 3.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

3.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti numru 1 u 2, li kopja tagħhom hi anessa bħala dokumenti "3O" u "3P" ma' dawn il-Minuti.

3.9.2 Rigward Skeda bin-numru 1 il-Kunsill ġie nfurmant li din tinvolvi pagamenti li diġa nħarġu.

3.9.3 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

3.9.4 *"Il-Kunsill japprova il-ħlasijiet ta' l-Iskedi tal-Pagamenti numru 1 u 2."*

3.9.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilllier David Dalli u għaddiet unanimament.

3.9.6 Il-laqgħa ntemmet fl-10.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **_1_** ta' **"~~Awissu~~" "Settembru"**, 2009

__________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Agius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |